MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2008

Appell Kriminali Numru. 226/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. S. Camilleri)**
**Vs**
**Joseph Axiaq**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar is-17 ta' Mejju, 2008 mill-10.00 a.m. sa 19.30 hrs, naqas milli jibghat jew ihalli li jmur lit-tifel tieghu Joseph Axiaq ta' sittax-il sena milli jzur lil ommu Paula Axiaq skond id-digriet nru. 89/07 JA mahrug mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) mill-Imhallef Onor. Joseph Azzopardi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-7 ta' Lulju, 2008, li biha, wara li rat l-artikoli 338(II) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

sabet lill-appellant hati w ikkundannatu ghal gimgha detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-16 ta’ Lulju, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjara lill-appellant mhux hati ta’ l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu w b’hekk l-appellant jigi dikjarat hieles minn kull imputazzjoni w piena w, subordinatament u assolutament bla pregudizzju ghat-talba tar-revoka tas-sentenza, anki jekk l-appellant jinstab hati fuq il-fatti kif konstatati mill-Ewwel Qorti ghandha tigi applikata piena ehfef u aktar adattata lill-appellant.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant jikkonsistu filli r-rifjut li Joseph Axiaq imur jara lill-ommu fid-data tas-17 ta’ Mejju, 2008 ma gietx mill-missier izda mit-tifel Joseph Axiaq innifsu.

Semghet ix-xhieda, inkluz lil Joseph Axiaq, bin il-kontendenti, fl-udjenza tal-lum. Illi meta dan Joseph Axiaq dahal fl-Awla kien evidenti li hawn mhux il-kaz li gie rifjutat l-access ghal xi tifel zghir, ghax dan Joseph Axiaq, li ghandu sbatax (17) il-sena, huwa ta’ statura w ghamla w portata ta’ ragel mibni saffejn. Dan qal li ma kienx ried imur jara lill-ommu li telqet mid-dar konjugali ghax kien ombraha w li ma kienx missieru li kien qallu biex ma jmurx jew zammu milli jmur. Mid-domandi li ghamlitlu din il-Qorti jidher li dan ir-"ragel" ghandu kif jghidu bl-Ingliz *"a mind of his own"* u ma tantx tibdllu fehemtu malajr. Hu pjuttost aggressiv u arroganti w dan kien jidher car anki mill-mod kif wiegeb ghal certi domandi tal-Qorti.

Mill-banda l-ohra l-appellant, li jidher avvanzat fl-eta' w ghandu statura fragili ma setax fizikament igieghel lill-ibnu jmur jara lill-ommu jekk dan kien qed jirrifjuta. Anki kieku stess il-missier baghtu ma kien hemm ebda mod kif

jikkostringih imur ammenoche' ma  jsejjahx ghal ghajnuna ta' nies ohra biex jibghatuh b'forza fizika.

Ghalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti , mhux talli ma jirrizultax li kien l-appellant li naqas milli jibghat jew ihalli lil Joseph Axiaq milli jzur lill-ommu Pawla Axiaq, imma addirittura l-appellant kien fl-impossibilta' fizika li jwettaq l-obbligu tieghu li jimponi dan fuq ibnu riluttanti,  ghaliex fil-fatt dan mhu tifel xejn imma ragel maghmul. Konsegwentement fic-cirkostanzi jidher li l-imputazzjoni kontravenzjonali dedotta kontra tieghu ma tirrizultax pruvata.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti qed tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata w tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni w piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------